MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 630/2004

**Avviz numru 630/04DM**

**Carmel Camilleri**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi l-konvenut huwa debitur tieghu fis-somma ta' elf, hames mija, disgha u disghin lira Maltin (Lm1,599) rapprezentanti xoghol ta' dawl u ilma fil-postijiet li huma flatijiet gewwa Mriehel, B'Kara proprjeta' tal-konvenut; u
Illi l-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallas l-istess ammont nonostante li kienu sarulu diversi nterpellanzi; u
Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li

d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-hlas ta' l-istess dejn u l-attur annetta mac-citazzjoni, affidavit skond l-artikoli fuq imsemmija. u
Talab li din il-Qorti:
1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf, hames mija, disgha u disghin lira Maltin (Lm1,599) rapprezentanti xoghol ta' dawl u ilma fil-postijiet li huma flatijiet gewwa Mriehel, B'Kara proprjeta' tal-konvenut;
Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Il-pretenzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kien il-konvenut li kiser il-ftehim ta' xoghol minn mal-konvenut u ma kkompletax ix-xoghol ta' dawl u ilma li huwa kellu jaghmel fil-fond proprjeta' tal-konvenut.
2 In oltre u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur m'hux dovut mill-konvenut ghaliex l-konvenut gja hallas ghal xi xoghol li huwa ghamel fil-fond in kwistjoni.
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat id-digriet tal-4 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mahtur bhala Perit Legali l-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti sabiex wara li jaghmel access u jqis id-dokumenti esebiti mill-kontendenti, u jghid jekk ix-xogholijiet li ghalihom qed jitlob hlas l-attur tlestewx;

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Joseph Ellul Vincenti pprezentata fil-10 ta' Novembru, 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda kemm l-allegazzjoni illi l-attur ma kkompletax ix-xoghol kollu li ghalih qed jitlob il-hlas, u fit-tieni lok tikkontempla illi huwa diga' hallas dak l-ammont kollu mifthiem in kumpens tax-xoghol li kellu jaghmel l-attur.

Mir-relazzjoni teknika tal-Perit Joseph Ellul Vincenti jirrizulta illi effettivament il-konvenut kien ghamel dak ix-xoghol kollu li hu kien gie inkarigat biex jaghmel hlief ghall-komunikazzjonijiet tad-drenagg tal-kcina, kif del resto anke jammetti l-istess attur u l-istess perit stabbillixxa ghalhekk illi l-valur totali li ghandu jithallas l-attur in kumpens tax-xogholijiet minnu maghmula jammonta ghas-somma ta' erbat elef, mitejn, wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4,261.50).

Minn dan l-ammont l-attur jirrikonoxxi illi huwa thallas akkont somma limitata ta' elfejn, disa' mija u sbatax-il lira Maltin (Lm2,917) u li ghalhekk jirrizulta illi l-attur qieghed jippretendi li jithallas bilanc ta' elf, tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,344.50) ghax-xoghol li effettivament huwa ezegwixxa.

Ghalhekk biex il-konvenut jistabbillixxi illi huwa fil-fatt hallas l-ammont kollu li ghalih kien intitolat l-attur, huwa obbligat li jipprova li hallas dan l-ammont kollu ossija illi, oltre l-ammont li jirrikonoxxi li rceva l-attur huwa hallas ukoll somma ulterjuri ta' elf, tlett mija, erbgha u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,344.50).

Biex jasal ghal din il-prova l-konvenut ipprezenta prospett ta' hlasijiet illi mhux talli jwasslu sa l-ammont ta' erbat elef, mitejn u wiehed u sittin lira Maltin (Lm4,261), izda anzi jissuperaw dan l-ammont ghaliex l-ammont totali li jippretendi li hallas huwa ta' sitt elef, sitt mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmu (Lm6,627.90).

Ghalhekk jirrizulta *ictu oculi* illi l-pagamenti illi l-konvenut jallega illi ghamel lill-attur jew ma sarux kollha ghax-xoghol li dwarhom qed issir il-kawza jew inkella illi saru lil xi persuna differenti li mhijiex l-attur.

Infatti l-istess konvenut ma jikkontestax illi x-xogholijiet in kwistjoni illi kien inkariga lill-attur biex jaghmel kienu bdew fis-sena elf, disa' mija sebgha u disghin (1997) u l-konvenut stess esebixxa notamenti tieghu stess a fol. 31 tal-process fejn jirrizulta illi l-ewwel pagament li kien ghamel akkont tax-xoghol li kien halla f'idejn l-attur kien f'ammont ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) u li dan il-pagament kien sar fl-ahhar tas-sena elf, disa' mija sitta u disghin (1996) u presumibilment huwa l-pagament illi jindika l-istess attur li sar fit-12 ta' Jannar, 1997.

Infatti minn dawn l-istess notamenti jidher illi ghal menu sat-3 ta' Ottubru, 1998, il-konvenut kien ghamel biss pagamenti akkont fis-somma komplessiva ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) illi huma ezattament il-pagamenti illi jirrikonoxxi illi rceva l-istess attur.

Oltre dawn il-pagamenti l-attur stess jirrikonoxxi illi rceva zewg (2) pagamenti ulterjuri wiehed (1) ta' mitejn u sbatax-il lira Maltin (Lm217) fis-17 ta' Settembru, 1999, u l-iehor ta' mitejn lira (Lm200) fis-16 ta' Dicembru, 1999.

Infatti dwar il-pagament ta' Settembru, 1999, l-istess konvenut ipprezenta ricevuta relattiva u dwar l-ahhar pagament akkont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ipprezenta n-notament relattiv a fol. 32 tal-process.

Oltre dawn il-pagamenti l-konvenut ma gab ebda prova ta' xi pagament ulterjuri li tista' tigi accettata minn din il-Qorti, ghaliex il-hlasijiet allegati m'humiex sorretti minn ebda ricevuta u minhabba nuqqas ta' affidabilita' tal-konvenut li allega hlasijiet f'perjodu meta ma kellhu ebda relazzjoni ma' l-attur u oltre jallega li hallas ferm iktar minn kemm kien dovut.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tistabbillixxi illi l-pagamenti illi ghamel il-konvenut huma ezattament dawk illi indika l-

attur fis-somma komplessiva ta' elfejn, disa' mija u sbatax-il lira Maltin (Lm2,917) u ghalhekk jispetta lill-attur illi jithallas il-bilanc ta' elf, tlett mija, erbgha u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,344.50) tenut kont ta' xogholijiet illi huwa naqas li jaghmel u li l-konvenut kellu jaghmel permezz ta' l-intervent ta' terzi persuni.

Ghaldaqstant filwaqt illi tadotta u taghmel taghha r-relazzjoni peritali esebita a fol. 53 tal-process, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici fil-mertu limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,344.50) ghas-saldu tal-prezz tax-xogholijiet ta' dawl u ilma illi gie esegwit mill-attur fil-postijiet ossija flattijiet gewwa l-Imriehel, Birkirkara proprjeta' tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------